**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Frar, 2017**

**Mandat Nru: 152/2017 AF**

**Raymond Autodealer Limited (C-9850) u**

**Guza Vassallo**

**vs**

**Nathalie Mallet mart Nigel Stuart u l-istess Nigel Stuart ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Raymond Autodealer Limited u Guza Vassallo li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet lil din il-Qorti zzomm lil Nathalie Mallet u Nigel Stuart milli tiftah fetha fil-*cul de sac* li jaghti ghal Triq Gdida fi Triq Mikiel Angelo Sapiano, Haz Zebbug, proprjetà tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Nathalie Mallet.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha t-talba giet ceduta fil-konfront ta' Nigel Stuart.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005).

Ir-rikorrenti f'din il-kawza huma sidien ta' art li qeghda tintuza bhala triq, tant li nghatat isem ufficcjali u tinsab inkluza fl-"*official scheme alignment*". Madanakollu l-proprjetà qatt ma giet esproprjata mill-awtoritajiet u r-rikorrenti ma gewx kompensati ghaliha b'ebda mod. L-intimata trid tiftah bieb minn gnien taghha ghal fuq din it-triq.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Ciappara vs Cassar (30 ta' Gunju 1947):

> *"Il-proprjetarju ta' bini li jaghti fuq triq privata ta' xi haddiehor, avolja din tkun miftuha ghall-pubbliku, ma jistax jiftah bibien jew aperturi ohra fil-hajt li jifred il-bini tieghu minn dik it-triq u li jkunu jaghtu fiha; ghaliex b'hekk johloq servitù fuq dik it-triq. U ghalhekk huwa obbligat jerga' jaghlaq dawk l-aperturi li huwa fetah kontra l-volontà ta' sid dik it-triq."*

Fis-sentenza Attard vs Farrugia (28 ta' Jannar 2005) il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> *"Ghalhekk il-fatt li persuna tiftah triq fuq proprjetà taghha ghall-pubbliku ma jbiddilx il-jeddijiet ta' proprjetà li hija ghandha fuq din l-art izda jinholoq invece favur il-komunità servitù ghal uzu tat-triq. L-appellat kellu kull dritt juza t-triq in kwistjoni billi jghaddi minnha kemm bir-rigel u anke permezz ta' vetturi, izda ma kellux dritt jiftah id-diversi aperturi li fetah iharsu fuq din it-triq u jaghmel l-isporgenzi msemmija mill-appellant."*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjonijiet tal-Qorti kif presjeduta fid-digriet Cutajar vs Awtorità ghat-Trasport f'Malta (17 ta' Settembru 2015) u s-sentenza Mistra Heights Limited vs Devicon Limited (17 ta' Frar 2015).

F'dan l-istadju il-vertenza dwar il-proprjetà tal-hajt li jifred il-gnien tal-intimata mill-proprjetà tar-rikorrenti tibqa' impregudikata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Raymond

Autodealer Limited u Guza Vassallo u zzomm lil Nathalie Mallet milli tiftah fetha fil-*cul de sac* li jaghti ghal Triq Gdida fi Triq Mikiel Angelo Sapiano, Haz Zebbug.

l-ispejjez jithallsu minn Nathalie Mallet.

IMHALLEF